

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

ANNEX

DIKJARAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenfassizzaw li f'każ ta' sitwazzjoni ta' pressjoni urġenti u eċċezzjonali fil-fruntieri esterni li teħtieġ l-intervent ta' Tim ta' Intervent Rapidu fuq il-Fruntiera u possibbilment f'każ ta' nuqqas ta' mezzi finanzjarji fil-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Immaniġġjar tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (FRONTEX) sabiex jagħmlu dan, il-possibbiltajiet kollha sabiex jiġi żgurat il-finanzjament għandhom jiġu esplorati. Il-Kummissjoni ser tivverifika b'urġenza kbira jekk jista' jsir tqassim mill-ġdid tal-fondi. F'każ li tkun meħtieġa deċiżjoni ta' l-awtorita' baġitarja, il-Kummissjoni ser tagħti bidu għal proċedura li hi skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, jiġifieri l-Artikolu 23 u 24, sabiex tiżgura deċiżjoni bikrija taż-żewġ kapaciċajiet ta' l-awtorita' baġitarja dwar il-mezzi biex ttiprovdi għal finanzjament addizzjonali għall-FRONTEX sabiex jibgħat Tim ta' Intervent Rapidu fuq il-Fruntiera. L-awtorita' baġitarja timpenja ruha sabiex taġixxi kemm jista' jkun malajr, filwaqt li tqis l-urġenza.

P6_TA(2007)0163

Il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2006)0587 — C6-0402/2006 — 2006/0190(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0587) ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0402/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0085/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
 3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

Il-Ħamis, 26 ta' April 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 3

Artikolu 1, Punt 1

Artikolu 11, Paragrafu 5 (Regolament (KE) 2371/2002)

5. **Bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006, fuq bastimenti tas-sajd ta' 5 snin jew aktar**, il-modernizzazzjoni 'l fuq mill-gverta prinċipali sabiex tittejjeb is-sikurezza abbord, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-iġjene, u l-kwalità tal-prodott jistgħu jżidu t-tunnellaġġ tal-bastiment, sakemm din il-modernizzazzjoni ma żżidx il-kapaċità tal-bastiment biex jaqbad il-ħut. Il-livelli ta' referenza, kif stabbiliti skond dan l-Artikolu u l-Artikolu 12, għandhom jiġu adattati kif jixraq. Il-kapaċità korrispondenti m'hemmx għalfejn titqies għall-istabbiliment tal-bilanċ ta' dħul u ħruġ minn Stati Membri skond l-Artikolu 13.

5. **Il-modernizzazzjoni 'l fuq mill-gverta prinċipali sabiex tittejjeb is-sikurezza abbord, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-iġjene, u l-kwalità tal-prodott jistgħu jżidu t-tunnellaġġ tal-bastiment**, sakemm din il-modernizzazzjoni ma żżidx il-kapaċità tal-bastiment biex jaqbad il-ħut. Il-livelli ta' referenza, kif stabbiliti skond dan l-Artikolu u l-Artikolu 12, għandhom jiġu adattati kif jixraq. Il-kapaċità korrispondenti m'hemmx għalfejn titqies għall-istabbiliment tal-bilanċ ta' dħul u ħruġ minn Stati Membri skond l-Artikolu 13.

Emenda 1

ARTIKOLU 1, PUNT 1

Artikolu 11, paragrafu 6, inċiżi 1 u 2 (Regolament (KE) Nru 2371/2002)

- **4 %** tat-tunnellaġġ medju annwali rtirat bl-għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006 għall-Istati Membri li kienu parti mil-Komunità fl-1 ta' Jannar 2003, u **4 %** tat-tunnellaġġ medju annwali rtirat bl-għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2006 għall-Istati Membri li ssiehb mal-Komunità fl-1 ta' Mejju 2004, u,
- **4 %** tat-tunnellaġġ irtirat mill-flotta bl-għajnuna pubblika mill-1 ta' Jannar 2007.

- **10 %** tat-tunnellaġġ medju annwali rtirat bl-għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006 għall-Istati Membri li kienu parti mil-Komunità fl-1 ta' Jannar 2003, u **10 %** tat-tunnellaġġ medju annwali rtirat bl-għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2006 għall-Istati Membri li ssiehb mal-Komunità fl-1 ta' Mejju 2004, u,
- **10 %** tat-tunnellaġġ irtirat mill-flotta bl-għajnuna pubblika mill-1 ta' Jannar 2007.

Emenda 2

ARTIKOLU 1, PUNT 2

Artikolu 13, paragrafu 1, punt (c), sotto-paragrafi 1a u 1b (ġdid) (Regolament (KE) Nru 2371/2002)

Minkejja dan, dan it-tnaqqis fil-qawwa, m'għandu taħt l-ebda ċirkustanza jnaqqas is-sikurezza, l-abitabilità jew l-effiċjenza tas-sistemi ta' l-ipproċessar tal-ħut tal-bastiment,

Barra minn hekk, peress li l-għan tat-tnaqqis hu li tiġi evitata kwanunkwe żieda fil-kapaċità tas-sajd tal-bastiment, id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel sotto paragrafu m'għandhomx jiġu kkunsidrati fejn il-magna tkun għet mibdula biex tiġi ffrankata l-enerġija u/jew biex ittejjeb l-effiċjenza tal-bastiment f'oqsma oħra ħlief il-kapaċità tas-sajd, jew fejn ikunu intgħażlu metodi ta' sajd aktar selettivi, fir-rigward ta' l-użu tal-bastiment.